MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
NATASHA GALEA SCIBERRAS**

Seduta tat-30 ta' April, 2013

Numru. 312/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Brian Godfrey Bartolo**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Brian Godfrey Bartolo, iben John w Carmelina nee Cilia, imwieled Pieta’ nhar it-30 ta’ Awwissu 1972, u residenti gewwa No. 4 ‘Roderick Flats’ Francisco Ximenes Street l/o Naxxar u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 372972M;

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fil-lejl ta’ bejn it-23 u l-24 ta’ Dicembru 2007:

Kellu fil-pussess tieghu d-droga Kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija il-Qorti giet mitluba li titratta ma' l-imputat talli sar recidiv b'sentenza moghtija mil-Qorti tal-Appell Kriminali datata 14 ta' Novembru 2002.

Rat illi fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2013, il-partijiet ezentaw lil din il-Qorti, kif presjeduta, milli terga' tisma' l-provi migjuba sa dak in-nhar.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:

<u>Kunsiderazzjoni dwar Htija.</u>

Illi mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat[1], jirrizulta illi huwa kien abbuza mid-droga kokaina fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24

[1] A fol. 2 tal-process.

ta’ Dicembru 2007 waqt li kien f’bar f’Paceville. L-imputat stqarr li kien xtara pakkett ta’ Lm15.

l-Ispettur Dennis Theuma xehed illi b’konsegwenza ta’ dan l-abbuz, l-imputat kien iddahhal gewwa l-Isptar Mater Dei isofri minn allegat overdose ta’ kokaina[2].

Ghalhekk mill-ammissjoni tal-imputat stess fl-istqarrija rilaxxjata minnu,il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontrih. Fir-rigward tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tittratta mal-imputat bhala wiehed recidiv u dan b’sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-14 ta’ Novembru 2012, il-Qorti rat l-imsemmija sentenza esebita mill-prosekuzzjoni fl-ismijiet Ir-*Repubblika ta’ Malta vs Omissis, Brian Godfrey Bartolo u Omissis*[3]. Rat ukoll illi d-difiza ezentat lill-prosekuzzjoni milli ttella’ lil AC Neil Harrison bhala xhud dwar l-identita’ tal-akkuzat fis-sentenza esebita u dan fis-seduta tat-13 ta’ Jannar 2012. Ghalhekk jirrizulta wkoll illi l-imputat huwa recidiv u li t-tieni imputazzjoni giet ippruvata skond il-ligi..

<u>Kunsiderazzjoni dwar Piena.</u>

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni minn naha l-wahda, l-fatt li d-droga li kien ikkonsma l-imputat kienet ta’ kwantita’ minima u li l-kaz imur lura ghas-sena 2007. Filfatt, l-ewwel seduta f’din il-kawza giet mizmuma fis-26 ta’ April 2010 u ma jidhirx li inhela xi hin da parti tal-imputat matul il-proceduri, tant illi jirrizulta illi ma dherx ghall-kawza, minkejja li kien notifikat, f’okkazzjoni wahda ossia fis-seduta tal-15 ta’ Gunju 2011. Il-Qorti qieset ukoll illi waqt it- trattazzjoni dwar il-piena, kemm id-difiza, kif ukoll il-prosekuzzjoni sostnew illi l-imputat kien ghamel progress f’hajtu u skond id-difiza fittex l-ghajnuna u ghamel programm fi hdan l-Agenzija Sedqa, ghandu mpjieg u hajja stabbli.

[2] A fol. 14 tal-process.
[3] Esebita bhala Dok DT1; a fol. 15 sa 30 tal-process.

Il-Qorti min-naha l-ohra qieset ukoll il-fedina penali aggornata tal-imputat u l-fatt li huwa recidiv, inkluz il-gravita' tar-reati li taghhom kien instab hati permezz tas-sentenza li giet esebita ghall-fini tal-imputazzjoni dwar ir-recidiva.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal piena ta' multa ta' €950 (disa' mija u hamsin Euro) li b'applikazzjoni tal-Artikolu 14(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rata mensili u konsekuttiva ta' mitt Euro (€100), bl-ewwel pagament isir mhux izjed tard minn xahar mil-lum. Pero' jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull €35 jew parti minnhom dovuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------